**It-tlett ċikkulatiet**

Kont riekeb ferħan filgħaxija
Intir bħall-għasfur 'il fuq fl-isħab,
Rajthom għaddejja hekk puliti
Jaqduna bit-tbissima rqaq.

Ma stajtx ma nkellimhomx tant ħelwin
Bi kliemhom qed juruk li jistmawk,
Xi ngħidu ghall-ħarsa sabiħa
Li jagħtuk kemm juruk li jilqgħuk.

Jien ma stajtx ma nlissinx il-kelma
Li biha nuriehom ir-rispett,
Ferħu bil-bosta b'li għedtilhom
Ħassejthom li mħabba sabu b'hekk.

F'idejja tnejn minnhom telquli
Bi tbissima minn dawk il-wardiet,
Hekk sbieh u li jleqqu fl-għaxija
F'idejja mat-tlett ċikkulatiet.

Ikkumplimentaha mara b'qalbek
Faħħarha w agħmlilha l-kuraġġ,
X'hemm isbaħ minn ġest kollu mħabba
Kun għaliha mqar ta' mħabba raġġ.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.